# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 22 ta' Settembru, 2021**

**Kawża Nru. 17**

**Rik. Nru. 257/13JRM**

**MOBISLE COMMUNICATIONS LIMITED (C – 24655)** u b'degriet tal-4 ta' Frar, 2016, assumiet l-atti s-soċjeta` Go p.l.c.

vs

Joseph Anthony **O'CONNOR** u b'degriet tal-4 ta' Ġunju, 2013, issejjaħ fil-kawża Kieran O'Dwyer

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fil-15 ta' Marzu, 2013, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet lil din il-Qorti (i) taqta' il-kawża bid-dispensa tas-smigħ għall-finijiet tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u (ii) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija, tnejn u ħamsin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€15,652.32) rappreżentanti ammont dovut għas-servizz lilu mogħti minnha. Talbet ukoll l-ispejjeż u dawk tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fuq id-drittijiet

professjonali u l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Marzu, 2012, flimkien mal-imgħaxijiet mid-data tal-istess ittra uffiċjali;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2013[1], li bih tat żmien lill-imħarrek biex iressaq it-Tweġiba maħlufa;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa tas-6 ta' Mejju, 2013, li biha l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li huwa ma ngħatax is-servizz li għalih qiegħed jintalab il-ħlas f'din il-kawża, u talab is-sejħa fil-kawża ta' Kieran O'Dwyer li kien jinqeda bil-post fejn ingħata dak is-servizz fiż-żmien rilevanti. Fil-mertu, laqa' wkoll billi qal li s-somma mitluba hija r-riżultat ta' żball jew nuqqas li taħti għalih l-istess kumpannija attriċi;

Rat id-degrieti tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2013[2], li bih laqgħet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek u ordnat li jissejjaħ fil-kawża Kieran O'Dwyer;

Rat in-Nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili tal-25 ta' Ġunju, 2014[3], li biha eżebixxa d-dokumenti marbuta man-notifika tal-atti lill-imsejjaħ fil-kawża fl-Irlanda;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Ottubru, 2014[4], li bih sabet li l-imsejjaħ fil-kawża kien waqa' kontumaċi billi naqas li jressaq kontestazzjoni fiż-żmien li tagħti l-liġi, minkejja li kien laqa' in-notifika tal-atti kif imiss;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa quddiemha mill-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet (reġistrata u traskritta)[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkonsidrat:***

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Paġ. 15 tal-proċess
[3] Paġġ. 36 sa 49 tal-proċess
[4] Paġ. 51 tal-proċess
[5] Paġġ. 98 sa 105 tal-proċess

Illi din hija kawża għall-ħlas ta' servizzi mogħtija. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "Go") daħlet fi ftehim mal-imħarrek biex tipprovdilu servizz ta' i*nternet*. Hija tgħid li l-imħarrek qatt ma ħallas għas-servizz li tatu u għaldaqstant qiegħda titolbu jħallasha skond il-ftehim milħuq;

Illi min-naħa tiegħu, l-imħarrek jgħid li s-servizz ma ngħatax lilu u, kull każ, l-ammont mitlub tela' daqshekk bi ħtija ta' Go innifisha u minħabba żball li taħti għalih hi biss, u għalhekk ma għandux ibatih hu;

Illi <u>l-fatti li joħorġu mill-atti</u> tal-kawża juru li fit-18 ta' Frar, 2010[6], il-kumpannija Mobisle Communications Limited (Mobisle) daħlet fi ftehim mal-imħarrek biex tagħtih servizz ta' internet, magħdud l-użu tiegħu minn barra minn Malta ("*international roaming*"). Sabiex jaċċedi għal dan is-servizz, l-imħarrek kellu juża tagħmir li għalih ħallas l-ammont ta' disa' u ħamsin ewro (€59) għal darba waħda. Is-servizz kellu jingħata għal żmien ta' sena, u l-limitu ta' kreditu li ġie allokat lill-imħarrek kien ta' mija ħamsa u sebgħin ewro (€175)[7];

Illi dan ma kienx l-ewwel kuntratt li l-imħarrek daħal għalih ma' dik il-kumpannija. Kemm hu hekk, huwa kien meqjus minn Go bħala klijent li miegħu kellha relazzjoni tajba[8];

Illi bejn it-13 u l-15 ta' Marzu, 2011[9], lil Go irriżultalha li sar użu mis-servizz provdut minn barra minn Malta, liema servizz tella' kont fl-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija sebgħa u tletin ewro, tnejn u tletin ċenteżmu (€12,637.32), mingħajr ma wieħed iqis it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[10];

Illi l-imħarrek jiċħad li kien hu li nqeda b'dik il-faċilita` u jgħid li kien l-imsejjaħ fil-kawża li tella' dak il-kont. Huwa jgħid li fuq il-kuntratt deher biss bħala garanti filwaqt li l-persuna li kienet ser tibbenifika minn dan is-servizz kien l-imsejjaħ fil-kawża[11];

Illi l-ammont ta' tnax-il elf, sitt mija sebgħa u tletin ewro, tnejn u tletin ċenteżmi (€12,637.32) baqa' ma tħallasx u Go qatgħet is-servizz f'Novembru, 2011[12]. Flimkien mar-rata tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ir-renta marbuta mal-użu tal-apparat minn xahar għal ieħor, l-ammont aħħari dovut lil u pretiz minn Go jitla' għal ħmistax-il elf, sitt mija u euro u disgħa u sebgħin ċenteżmi (€15,601.79)[13];

---

[6] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[7] Dok. "SWA" f'paġġ. 52 – 3 tal-proċess
[8] Ara x-xhieda ta' Rita Fenech f'paġ. 93 tal-proċess
[9] Dok. "SW2" f'paġ. 79 tal-proċess. Ara x-xhieda ta' Simone Whiteman f'paġ. 81 tal-proċess
[10] Dok. "SWI" f'paġ. 162 tal-proċess
[11] Ara x-xhieda tal-imħarrek f'paġġ. 69 – 70 tal-proċess
[12] L-aħħar kont li nħareġ kien dak tat-8 ta' Novembru, 2011. Ara Dok. "SWB" f'paġ. 54 tal-proċess
[13] Dok. "B" f'paġ. 6 tal-proċess

Illi fit-12 ta' Marzu, 2013, Go ressqet ittra uffiċjali għall-finijiet tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-imħarrek. L-imħarrek laqa' in-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali fis-16 ta' Marzu, 2012, u b'Nota mressqa minnu fl-10 ta' April, 2012, huwa ċaħad it-talba hemm magħmula;

Illi Go fetħet din il-kawża fil-15 ta' Marzu, 2013;

Illi jidher li <u>l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li jsawru l-każ jintrabtu l-aktar mal-kwestjoni ta' x'kien sewwasew miftiehem bejn il-partijiet meta seħħew l-arranġamenti ta' bejniethom bil-ftehim tat-18 ta' Frar, 2010 (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-ftehim"). Minħabba l-eċċezzjonijiet imqanqla mill-imħarrek, il-kwestjonijiet li għandhom jiġu mistħarrġa jaqgħu taħt dawn l-irjus: (i) f'liema kwalita` deher l-imħarrek fuq il-ftehim; (ii) x'kien jgħid tassew il-ftehim dwar l-limitu tal-kreditu u taħt liema ċirkostanzi Go kellha l-jedd taqta' s-servizz lill-klijent;

Illi bħala linja ġenerali, il-liġi tistabilixxi regoli u prinċipji dwar it-tifsir li jingħata lil ftehim milħuq bejn il-partijiet li jkunu daħlu għalih. L-ewwel prinċipju hu li fejn il-kliem ta' ftehim, meħud fit-tifsira li għandu skond l-użu fiż-żmien li jkun sar, huwa ċar, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni[14]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, hemm ċirkostanzi fejn dik il-kjarezza ma toħroġx daqstant ċara, mhux anqas minħabba l-fatt li l-ftehim huwa *stereotype* u dak mitħaddet bejn il-partijiet, jekk tassew ikun il-każ, ma ġiex rifless fil-ftehim;

Illi t-tieni prinċipju ta' dritt hu li meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux fissru rwieħhom b'mod ċar jew b'mod li l-ħwejjeġ imsemmija jistgħu jfissru aktar minn ħaġa waħda, jew jekk wara li jkun sar il-kuntratt tinbet xi ħaġa li l-partijiet ma kinux ħasbu għaliha u nqalgħet kwestjoni dwarha, il-Qorti trid tidħol biex tfisser il-ftehim milħuq u li dan tagħmlu billi tqis x'kienet il-fehma tal-partijiet dak inhar li laħqu l-ftehim u kif din il-fehma toħroġ mill-qafas taċ-ċirkostanzi li nisslu dak il-kuntratt[15]. Il-liġi fiha sensiela ta' dispożizzjonijiet li jfasslu regoli, mhux assoluti, maħsuba biex jgħinu u jmexxu lill-Qrati dwar it-tifsir xieraq ta' kuntratti meta jinqala' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet fuq daqshekk[16];

Illi fost dawk id-dispożizzjonijiet, wieħed isib li biex kliem fi ftehim ma jingħatax it-tifsir li jkollu, trid tkun il-fehma kuntrarja identika tal-partijiet kollha fil-ftehim biex tingħata t-tifsira li fehmuha l-partijiet u mhux dik li ġġorr

[14] Art. 1002 tal-Kap 16
[15] App. Ċiv. **13.2.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Cuschieri noe vs Vincenti*** (Kollez. Vol: **XXXIV.i.27**)
[16] App. Ċiv. **15.12.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Cassar et vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.704**)

il-kelma miktuba[17]. Hekk ukoll, meta kliem fi ftehim jistgħu jkollhom aktar minn tifsira waħda, għandha tingħata t-tifsira li biha l-ftehim jingħata effett u mhux dik li biha l-ftehim jitlef kull effett[18], b'mod li kliem li jista' jfisser ħaġa jew oħra għandu jingħata t-tifsir li jaqbel mal-oġġett tal-kuntratt[19]. Klawsoli fi ftehim għandhom jitfissru l-waħda bl-oħra, b'mod li lil kull waħda jingħata s-sens li jidher mill-att kollu[20]. Jekk, minkejja t-tħaddim ta' dawn ir-regoli, jibqa' id-dubju dwar liema huwa t-tifsir xieraq ta' kliem fi ftehim, tingħata t-tifsira kontra dak li favurih saret l-obbligazzjoni (il-'kreditur' tal-obbligazzjoni) u favur ta' dik mill-partijiet li ntrabtet biha (id-'debitur' tal-obbligazzjoni)[21];

Illi huwa wkoll miżmum li biex wieħed jasal għat-tifsir xieraq tal-kliem fi ftehim, partikolarment fil-każijiet li għadhom kemm issemmew, wieħed jista' jistrieħ ukoll fuq xhieda jew dokumenti oħrajn li jitfgħu dawl fuq il-ftehim ewlieni[22], u dan ukoll bi tħaris tal-prinċipji li jirregolaw x'għamla ta' xhieda tista' titressaq "kontra" dak li hu miktub. Minbarra dan, jibqgħu dejjem jgħoddu ż-żewġ regoli l-oħrajn fid-dritt tal-obbligazzjonijiet, jiġifieri dik ir-regola li trid li dak li wieħed jintrabat għalih huwa l-liġi bejn il-partijiet u jrid iwettqu u ma jħassrux jekk mhux bi qbil mal-parti l-oħra ("*pacta sunt servanda*")[23]; filwaqt li t-tieni regola hi li kull min jintrabat fi ftehim jitqies li jwettqu b'bona fidi[24] u jgħodd mhux biss għal dak li jingħad fih imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li r-rabta ġġib magħha[25];

Illi l-Qorti sejra l-ewwelnett tqis l-<u>ewwel kweżit</u> biex tiddetermina (i) f'liema kapaċita` deher l-imħarrek fuq il-ftehim. Dan qiegħed jingħad għaliex l-imħarrek eċċepixxa li ma kienx hu li ntrabat fuq il-ftehim f'ismu personalment, imma minħabba li l-imsejjaħ fil-kawża kien talbu jidher għalih u jgħinu jikseb is-servizz provdut minn Go taħt il-ftehim;

Illi l-Qorti jidhrilha li ma tistax toqgħod fuq din l-ewwel linja difensjonali tal-imħarrek. Ħarsa lejn id-dokument li jikkostitwixxi l-ftehim[26], juri li l-ftehim kien jaħseb għall-għoti ta' servizz mill-kumpannija attriċi lill-imħarrek. L-imħarrek ġie identifikat bħala "*customer*", jiġifieri l-persuna li lilha qiegħed jingħata s-servizz, u ffirma fuq il-kuntratt bħala tali. Taħt il-patti u l-kundizzjonijiet li jiffurmaw parti mill-ftehim, il-"*customer*" huwa mfisser bħala l-persuna "*legally or naturally named in the Order Form*", filwaqt li "*Order Form*" hija mfissra bħala "*the contract that when signed by the Customer and*

[17] Art. 1003 tal-Kap 16
[18] Art. 1004 tal-Kap 16
[19] Art. 1005 tal-Kap 16
[20] Art. 1008 tal-Kap 16
[21] Art. 1009 tal-Kap 16
[22] App. Inf. PS **8.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta p.l.c. vs Bank Ċentrali ta' Malta***
[23] Art. 992 tal-Kap 16
[24] Art. 993 tal-Kap 16
[25] App. Ċiv. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph F Depares noe et vs John O'Dea noe et pro***(mhix pubblikata)
[26] Ara Dok "SWA", f'paġġ. 52 – 3 tal-proċess

*GM will bind the Customer and GM to the stipulated Terms and Conditions*". GM tirreferi għal "*Go mobile and any successor in business or assignee*" [27];

Illi, kif ingħad, l-imħarrek jisħaq li l-ftehim ma kienx wieħed maħsub biex jirregola l-għoti tas-servizz lilu, iżda kien magħmul għall-benefiċċju ta' terz, l-imsejjaħ fil-kawża Keiran O'Dwyer li kien jeħtieġ dan is-servizz. Iżid jgħid li hu daħal fix-xena billi Go riedet persuna f'Malta li setgħet iddur fuqha għall-ħlas dovut fuq il-ftehim. Minħabba f'hekk, l-imħarrek jgħid li l-fehma tiegħu kienet biss li jersaq fuq il-ftehim u jintrabat bħala garanti tal-imsejjaħ fil-kawża[28];

Illi, min-naħa l-oħra, Go tgħid li l-ftehim kien isejjaħ lill-imħarrek personalment u bħala l-klijent li lilu ngħata s-servizz u għaldaqstant fittxet lilu għal ħlas ta' dak li kien dovut. Minbarra dan, hija tirreferi għall-klawsola tal-ftehim li tgħid li l-ftehim huwa personali u ma jistax ikun assenjat jew ċedut lil terzi mill-klijent jew minn xi persuna f'ismu;

Illi minbarra dan, ir-rabta ġuridika li tinħoloq minn ftehim hija waħda personali b'mod li titnissel presunzjoni *iuris tantum* li min kien qiegħed jikkuntratta għamel hekk f'ismu personalment. Biex dik il-preżunzjoni titwaqqa', min jallega li persuna kienet qiegħda tiftiehem għal ħaddieħor irid juri li l-parti l-oħra wkoll kienet taf b'dan[29]. Minbarra dan, għalkemm hu minnu li tnejn jistgħu jiftehmu bejniethom u jħallu wħud mill-benefiċċji taħt dak il-ftehim tagħhom biex jitgawdew minn terz, ftehim bħal dan ma jġibx li t-terz sar parti fil-kuntratt jew li twassal biex dak it-terz jintrabat li jħallas lill-kreditur dak li kellu jitħallas mid-debitur veru tal-obbligazzjoni[30];

Illi ngħad ukoll li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[31] u jgħid li kien qiegħed jidher fuq negozju f'isem ħaddieħor[32]. F'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[33];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, minn imkien ma jirriżulta li Kieran O'Dwyer huwa l-klijent attwali ta' Go fuq il-ftehim. Lanqas jista' jitqies bħala s-"*secondary customer*", minħabba li l-istess imsejjaħ fil-kawża ma ffirmax dik il-parti tal-ftehim li tagħraf klijent bħal dan (mingħajr ma tfisser sewwa

---

[27] Paġ. 53 tal-proċess
[28] Ara x-xhieda tal-imħarrekf'paġ. 70 tal-proċess
[29] App. Ċiv. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et noe et vs Feliċe*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.ii.358)**
[30] App.Ċiv. **30.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Lino Chircop vs Direttur tal-Kuntratti et.***
[31] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[32] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd vs Mario Pickard et pro et noe***
[33] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Bonsons Limited vs Catherine Galea*** u App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Bartolo et pro et noe vs Frank Cachia pro et noe***

x'jista' jkun). Barra minn hekk, l-imħarrek xehed li huwa fehem li kien qiegħed jersaq għall-ftehim bħala "garanti" tal-imsejjaħ fil-kawża, u mkien ma qal li huwa kien għarraf lir-rappreżentanti ta' Go li kien qiegħed jiffirma f'isem ħaddieħor. X'seta' fehem l-imħarrek żgur ma jibdilx dak li ffirma għalih u wisq anqas jikkostitwixxi prova li Go kienet taf li huwa ma kienx qiegħed jintrabat fuq il-ftehim f'ismu;

Illi mhux relevanti x'arrangament intlaħaq bejn l-imħarrek u l-imsejjaħ fil-kawża, u lanqas jgħodd il-mottiv jew raġuni għalfejn l-imħarrek għoġbu jersaq għall-ftehim. Ladarba l-imħarrek deher fuq il-ftehim bħala l-firmatarju tal-ftehim ma' Go, ir-relazzjoni kuntrattwali kienet bejnu u dik il-kumpannija. Kien l-imħarrek waħdu l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-kontijiet li nġemgħu sal-waqt meta s-servizz ġie mitmum[34];

Illi dwar it-tieni kweżit (ii) x'kien jgħid tassew il-ftehim milħuq bejn Go u l-imħarrek u taħt liema ċirkostanzi Go kellha l-jedd taqta' is-servizz lill-klijent, il-ftehim jirregola servizz ta' internet provdut minn Go lill-imħarrek, liema servizz seta' jintuża wkoll barra minn Malta ("*international roaming*"). L-imħarrek seta' jaċċedi għal dan is-servizz biss bl-użu ta' tagħmir partikolari msejjaħ "*bundluxe C331*" li għalih ħallas it-tariffa mitluba fl-istess ftehim. Il-kuntratt kien ikopri servizz fuq tnax-il xahar, u l-limitu ta' kreditu li ġie allokat lill-imħarrek kien dak ta' mija ħamsa u sebgħin ewro (€175)[35];

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar x'kien ikopri s-servizz provdut minn Go. Is-serviżż kien limitat għal wieħed ta' internet. Id-diffikulta` li tqum f'dan il-każ huwa x'ġie miftiehem bejn il-partijiet fir-rigward tal-limitu ta' kreditu (credit limit) li jissemma fl-ewwel parti tal-ftehim taħt "*Customer Information*". L-imħarrek jibni l-argument li, għalih, malli jinqabeż dak il-limitu ta' kreditu, Go kienet tgħaddi biex twaqqaf is-servizz u ma tħallix li jitkabbar id-dejn magħha. Mix-xhieda mogħtija mill-partijiet jidher li dak li fehem l-imħarrek ma jirriflettix il-politika (policy) mħaddna minn Go;

Illi l-imħarrek jgħid li fid-diskussjoni li kellu mar-rappreżentant ta' Go qabel ma ffirma l-ftehim, intlaħaq qbil li kien hemm limitu għall-ammont li Go setgħet titlob mingħandu. Dak il-limitu ma setax jaqbeż il-mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175). L-imħarrek jisħaq li l-ammont li hu kien lest li jagħmel tajjeb għalih (bħala garanti) ma kellux jaqbeż dak l-ammont, u li meta jintlaħaq dan l-ammont, is-servizz kellu jitwaqqaf awtomatikament minn Go[36];

---

[34] App. Inf. PS **18.10.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Maltacom plc vs Angelo Abela et*** u s-sentenzi hemm imsemmija
[35] Dok. "SWA" f'paġġ. 52-53 tal-proċess
[36] Ara x-xhieda ta' Joseph Anthony O'Connor f'paġ. 70 tal-proċess

Illi, min-naħa l-oħra, Go ressqet xhieda biex turi li l-politika tagħha fir-rigward ta' limitu ta' kreditu kienet tirreferi għall-ammont li klijent seta' jilħaq (jew kien permissibbli li jġemma') qabel ma l-kumpannija tibda bil-proċess ta' ġbir tal-flejjes dovuti lilha. Fissret li kont jinħareġ wara numru ta' ġranet u meta l-ammont miftiehem bħala limitu ta' kreditu mal-klijent jiġi milħuq, dan kien iwassal biex it-taqsima tal-*credit control* fi ħdan il-kumpannija tibda ssus wara d-debitur tagħha għall-ħlas[37]. It-tnedija ta' dak il-proċess ma kinitx issarraf minnufih fil-qtugħ tas-servizz jew it-tħassir tal-ftehim;

Illi l-Qorti fliet b'reqqa l-patti u l-kundizzjonijiet meħmuża mal-ftehim, speċifikatament il-klawżola "*Suspension and Disconnection*" f'paragrafu (a)(iv) tagħha, u qabblitu mat-tifsira mogħtija mix-xhieda mtella' minn Go. Fil-fehma tagħha, joħroġ ċar li l-politika mħaddna minn Go mhix dik li l-imħarrek jgħid li qabel fuqha. Klijent li jonqos milli jħallas l-ammont miftiehem bħala limitu ta' kreditu, jista' jagħti lok biex Go tissospendi u twaqqaf is-servizz, iżda dan huwa fid-diskrezzjoni tal-istess kumpannija, u mhux b'mod awtomatiku;

Illi din il-verżjoni hija waħda li tinftiehem u tagħmel sens, għaliex li kieku l-effett tal-limiti ta' kreditu kienu dawk li jaħseb l-imħarrek, ikun ta' ħsara għall-istess klijent li jsib li minnufih is-servizz inqata' jew li l-ftehim intemm, bla ma jingħata l-opportunita` li jilħaq jissalda l-arretrati jew jaqta' l-kont fi żmien raġonevoli. Minbarra dan, il-Qorti tifhem ukoll għaliex Go ma qabditx u waqqfet il-kuntratt li kellha mal-imħarrek, ladarba huwa kien klijent li, f'kuntratti oħrajn li kellu magħha, kien magħruf u fdat. Kien biss wara li l-imħarrek baqa' jiċħad li kellu jħallas il-kontijiet maħruġa li Go temmet il-kuntratt;

Illi lil hinn minn dawn iż-żewġ linji difensjonali, l-imħarrek ma ikkontesta bl-ebda mod il-kontijiet innifishom. Partikolarment qawwi huwa l-kont maħruġ għal Mejju tal-2011 li waħdu jtella' l-biċċa l-kbira mis-somma mitluba minn Go f'din il-kawża[38]. Go tat tifsira ta' x'seta' sar biex ittella' dak l-ammont qawwi wkoll jekk fuq medda ta' ftit jiem. Biex jingħad kollox, lanqas l-imħarrek ma jgħid li dak il-kont inħareġ fuq xi ħaġa mistħajla: kulma jgħid hu li kien l-imsejjaħ fil-kawża li tella' dak il-kont. Ladarba, kif ingħad qabel, l-imħarrek ma jistax jgħabbi lill-imsejjaħ fil-kawża bir-responsabbiltà tal-ħlas lejn Go, dak l-ammont irid jagħmel tajjeb għalih hu. Il-Qorti hija soddisfatta li Go seħħilha turi bi provi tajba li l-kontijiet maħruġa nħarġu sewwa u skond il-ftehim u li l-imħarrek ma ħallashomx;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[37] Ara x-xhieda ta' Marisa Galea Debono f'paġ. 90 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Rita Fenech f'paġġ. 94-95 tal-proċess
[38] Ara Dok "SWI", f'paġ. 62 tal-proċess

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-imħarrek** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tastjeni** milli tqis l-**ewwel talba** attriċi fid-dawl tad-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2013;

**Tilqa' it-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' ħmistax-il elf, sitt mija tnejn u ħamsin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmi (€15,652.32) rappreżentanti ammont dovut għas-servizz mogħti mill-kumpannija attriċi lill-imħarrek, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mis-16 ta' Marzu, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** lill-imħarrek iħallas l-**ispejjeż tal-kawża** kif mitluba.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**22 ta' Settembru, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**